**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 1627/00JR**

**Alfred u Maria Carmela Camilleri**

**vs**

**Dorcelle Mifsud Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00), u fejn intqal:**

**Illi l-atturi kienu jibghatu t-tifla taghhom ghall-lezzjonjiet tal-pjanu u t-teorija ghand il-konvenuta, izda meta t-tifla waslet biex taghti l-ezami tat-teorija ta' Grade IV, il-konvenuta qalet lit-tfal li jattendu ghat-teorija lejliet l-ezami minhabba li kien inbidel is-sillabu;**

**Dan it-tibdil fl-ahhar lejl wassal ghall-tensjoni bla bzonn fuq it-tifla Maria, tant li hija m'ghaddietx mill-ezami. L-atturi ppruvaw ikellmu lill-konvenuta biex jipperswaduha terga' tirrepeti l-Grade IV teorija ghat-tifla, izda din irrifjutat, u anke l-imgieba taghha lejn il-genituri ta' l-atturi ma kienetx pjacevoli;**

**Il-konvenuta waslet biex waqqfet hesrem il-lezzjonijiet tat-tifla ta' l-atturi kemm tal-pjanu u t-teorija b'mod arbitrarju;**

**L-atturi hassew ruhhom aggravati b'dan l'agir fil-konfront tat-tifla taghhom li ma kellha ebda htija fuq li gara w qed jitolbu rifuzjoni tal-flus mhallsa lill-konvenuta ghall-Grade IV teorija;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 19 ta' Lulju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali datata 11 t'Awissu, 2000.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-20 t'Ottubru, 2000, fejn intqal:**

**i. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-konvenuta ma tistax tigi meqjusa responsabbli ghall-fatt li bint l-atturi m'ghaddietx mill-ezami in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;**

**ii. Illi l-konvenuta ghandha kull dritt li tieqaf milli taghti lezzjonijiet lit-tifla ladarba dan l-agir ma holoq l-ebda pregudizzju, u specjalment ladarba l-atturi mmanifestaw nuqqas ta' fiducja fil-konvenuta;**

**iii. Illi minghajr prgudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ghandhom jindikaw kif waslu ghall-ammont mitlub fit-talba taghhom.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Camilleri. Ra l-affidavit ta' Dorselle Mifsud Bonnici, ta' Alfred Camilleri, Maria Carmela Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn hamsa u tmenin luira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm285.20), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 2001 u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**